SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

16 ta' Jannar 2025*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali – Regolament (UE) Nru 952/2013 – Kodiċi Doganali tal-Unjoni – Regolament Delegat (UE) 2015/2446 – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 – Żoni ħielsa – Bidla fl-istatus doganali ta' merkanzija mhux tal-Unjoni f'merkanzija tal-Unjoni – Rekords tad-detentur ta' awtorizzazzjoni biex jeżerċita attivitajiet f'żona ħielsa – Aspettattivi leġittimi – Awtorità ta' *res judicata*"

Fil-Kawża C-376/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema, il-Latvja), permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Ġunju 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Ġunju 2023, fil-proċedura

"BALTIC CONTAINER TERMINAL" SIA

vs

Valsts ieņēmumu dienests

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn I. Jarukaitis, President tar-Raba' Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tal-Ħames Awla, D. Gratsias (Relatur) u E. Regan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal "BALTIC CONTAINER TERMINAL" SIA, minn D. Kiseļevs u A. Zieds, valdes locekļi,

– għall-Gvern Latvjan, minn E. Bārdiņš, J. Davidoviča u K. Pommere, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn E. Kalniņš kif ukoll F. Moro, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Latvjan.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni:

– tal-Artikoli 79(1) (a) u (3)(a) tal-Artikolu 214(1), kif ukoll tal-Artikolu 215(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90, u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali tal-Unjoni");

– Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2015, L 343, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2016, L 87, p. 35; fil-ĠU 2017, L 101, p. 164; fil-ĠU 2018, L 75, p. 41; u fil-ĠU 2021, L 382, p. 60), kif ukoll

– tal-prinċipji ġenerali ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u tal-awtorità ta' *res judicata*.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn SIA "BALTIC CONTAINER TERMINAL" SIA (iktar 'il quddiem "Baltic Container") u l-Valsts ieņēmumu dienests (l-Amministrazzjoni Fiskali, il-Latvja) dwar il-ħlas ta' dazji fuq l-importazzjoni u tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) relatati ma' merkanzija li ħarġet miż-żona ħielsa mill-port ta' Riga (il-Latvja).

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni

3 L-Artikolu 5 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-għanijiet tal-Kodiċi, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(12) 'dikjarazzjoni doganali' tfisser l-att li bih persuna tindika, fil-forma u l-mod preskritti, li tixtieq tqiegħed merkanzija taħt sistema doganali speċifika, b'indikazzjoni, fejn ikun il-każ, ta' kwalunkwe arranġamenti speċifiċi li għandhom ikunu applikati;

[…]

(16) 'proċedura doganali' tfisser kwalunkwe waħda mill-proċeduri li ġejjin, li taħtha tista' titqiegħed il-merkanzija skont il-Kodiċi:

(a) rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa;
(b) proċeduri speċjali;
(c) esportazzjoni;

[…]

(22) ‘status doganali’ tfisser l-istatus ta’ merkanzija bħala merkanzija tal-Unjoni jew merkanzija mhux tal-Unjoni;

(23) ‘merkanzija tal-Unjoni’ tfisser merkanzija li taqa’ taħt kwalunkwe kategorija minn dawn li ġejjin:
(a) merkanzija ottenuta għalkollox fit-territorju doganali tal-Unjoni u li ma tinkorporax merkanzija importata minn pajjiżi jew territorji barra t-territorju doganali tal-Unjoni;
(b) merkanzija miġjuba fit-territorju doganali tal-Unjoni minn pajjiżi jew territorji barra minn dak it-territorju u rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa;

[…]

24) ‘merkanzija mhux tal-Unjoni’: tfisser merkanzija oħra barra dik imsemmija fil-punt 23 jew li tilfet l-istatus doganali tagħha bħala merkanzija tal-Unjoni;

[…]”

4 L-Artikolu 79 ta’ dan il-kodiċi, intitolat “Dejn doganali li jinħoloq minħabba nuqqas ta’ konformità”.

“1. Għal merkanzija soġġetta għal dazju tal-importazzjoni, jinħoloq dejn doganali fuq l-importazzjoni f’każ ta’ nuqqas ta’ konformità ma’ xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) wieħed mill-obbligi stabbiliti fil-leġislazzjoni doganali dwar id-dħul ta’ merkanzija mhux tal-Unjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni, it-tneħħija tagħha mis-superviżjoni doganali, jew il-moviment, l-ipproċessar, il-ħażna, il-ħażna temporanja, id-dħul temporanju ta’ tali merkanzija fit-territorju jew it-tneħħija tagħha minnu;

[…]

3 Fil-każijiet imsemmija taħt il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, id-debitur għandu jkun kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) kwalunkwe persuna li kienet meħtieġa tissodisfa l-obbligi konċernati;

[…]”

5 L-Artikolu 158(1) tal-imsemmi kodiċi, intitolat “Id-dikjarazzjoni doganali ta’ merkanzija u s-superviżjoni doganali ta’ merkanzija tal-Unjoni”, jipprevedi:

Il-merkanzija kollha maħsuba biex titqiegħed taħt sistema doganali, minbarra l-proċedura ta’ żona ħielsa, għandha tkun koperta b’dikjarazzjoni doganali xierqa għall-proċedura partikolari.”

6 L-Artikolu 188 tal-istess kodiċi, intitolat “Il-verifika ta’ dikjarazzjoni doganali”, jipprevedi:

“L-awtoritajiet doganali jistgħu, għall-għanijiet tal-verifika tal-preċiżjoni tad-dettalji li hemm f’dikjarazzjoni doganali li kienet aċċettata:

(a) jeżaminaw id-dikjarazzjoni u d-dokumenti ta’ sostenn;

(b) jesiġu li d-dikjarant jippreżenta dokumenti oħrajn;

(c) jeżaminaw il-merkanzija;

(d) jieħdu kampjuni għall-analiżi jew biex jeżaminaw il-merkanzija bir-reqqa.”

7 L-Artikolu 201 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, intitolat “Kamp ta’ applikazzjoni u effett”, li jagħmel parti mit-Titolu VI tiegħu, li min-naħa tiegħu huwa intitolat “Rilaxx għal Ċirkolazzjoni Ħielsa u Eżenzjoni mid-Dazju tal-Importazzjoni”, jipprovdi:

“1. Merkanzija mhux tal-Unjoni intiża li titqiegħed fis-suq tal-Unjoni jew intiża għall-użu privat jew għall-konsum fit-territorju doganali tal-Unjoni għandha titqiegħed taħt rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa.

2 Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa għandu jinvolvi dan li ġej:

(a) il-ġbir ta’ kwalunkwe dazju tal-importazzjoni dovut;

(b) il-ġbir, kif xieraq, ta’ imposti oħrajn, kif ipprovdut mill-provvedimenti rilevanti fis-seħħ marbuta mal-ġbir ta’ dawk l-imposti;

[…]

3 Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa jagħti lill-merkanzija mhux tal-Unjoni l-istatus doganali ta’ merkanzija tal-Unjoni.”

8 It-titolu VII ta’ dan il-istess kodiċi jirrigwarda l-proċeduri doganali partikolari. Il-Kapitolu I ta’ dan it-Titolu VII, li jinkludi l-Artikoli 210 sa 225 ta’ dan il-kodiċi, jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali relatati ma’ dawn il-proċeduri doganali partikolari.

9 L-Artikolu 210 tal-imsemmi regolament, intitolat “Kamp ta’ applikazzjoni”, jipprovdi:

Il-merkanzija tista’ titqiegħed taħt xi waħda minn dawn il-kategoriji li ġejjin ta’ proċeduri speċjali:

[…]

(b) ħżin, li jinkludi ħażna doganali u żoni ħielsa;

[…]”

10 L-Artikolu 211(1)(b) tal-istess kodiċi huwa fformulat kif ġej:

"Awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet doganali hija meħtieġa għal dan li ġej:

[…]

(b) l-operat tal-faċilitajiet ta' ħażna għall-ħażna doganali tal-merkanzija, minbarra meta l-operatur tal-faċilità ta' ħażna hija l-awtorità doganali nnifisha."

11 L-Artikolu 214 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, intitolat "Kotba", jipprevedi:

"1. Ħlief għall-proċedura ta' tranżitu, jew fejn hu provdut mod ieħor, id-detentur tal-awtorizzazzjoni, id-detentur talproċedura, u l-persuni kollha li jeżerċitaw attività li tinvolvi lħażna, it-tħaddim jew l-ipproċessar ta' merkanzija, jew il-bejgħ jew ix-xiri ta' merkanzija f'żoni ħielsa, għandhom iżommu kotba xierqa f'forma approvata mill-awtoritajiet doganali.

Ir-reġistri għandhom jinkludu l-informazzjoni u l-elementi li jippermettu lill-awtoritajiet doganali jeżerċitaw sorveljanza fuq il-proċedura kkonċernata; dan jinkludi b'mod partikolari l-identifikazzjoni tal-merkanzija mqiegħda taħt din il-proċedura, l-istatus doganali tagħha u l-movimenti tagħha.

[…]"

12 L-Artikolu 215 tal-imsemmi regolament, intitolat "L-għeluq ta' proċedura speċjali", jipprovdi:

"1. Minbarra fil-każ tal-proċedura ta' tranżitu, u mingħajr ħsara għall-Artikolu 254, proċedura speċjali għandha tingħalaq meta l-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura, jew il-prodotti pproċessati, jitqiegħdu taħt sistema doganali sussegwenti, ikunu ttieħdu 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni, jew inqerdu u ma tħalla l-ebda skart, jew huma abbandunati f'idejn l-Istat taħt l-Artikolu 199.

[…]"

13 Skont l-Artikolu 247 tal-imsemmi kodiċi, intitolat "Merkanzija mhux tal-Unjoni f'żoni ħielsa":

"1. Merkanzija mhux tal-Unjoni, filwaqt li tibqa' f'żona ħielsa, tista' tinħeles għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa jew titqiegħed taħt proċedura ta' proċessar attiv, dħul temporanju jew ta' użu aħħari, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti għal dawk il-proċeduri.

F'tali każijiet il-merkanzija ma tkunx meqjusa li qiegħda taħt il-proċedura ta' żona ħielsa.

[…]"

Ir-Regolament Delegat 2015/2446

14 Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat 2015/2446, intitolat "Definizzjonijiet":

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

22) ‘ Numru ta’ Referenza Prinċipali’ (MRN) tfisser in-numru tar-reġistrazzjoni allokat mill-awtorità doganali kompetenti għal dikjarazzjonijiet jew notifiki msemmija fl-Artikolu 5(9) sa (14) tal-Kodiċi, għal operazzjonijiet TIR jew għal provi tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni;

[…]”

15 It-Taqsima 3 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu V ta’ dan ir-regolament delegat, li tinkludi l-Artikoli 123 sa 127 tiegħu, tistabbilixxi r-regoli dwar il-prova tal-istatus doganali ta’ merkanzija tal-Unjoni. Skont dawn l-artikoli, il-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni tista’ tingħata permezz ta’ dokument “T2L” jew “T2LF”, ta’ fattura jew ta’ dokument tat-trasport li jindika l-kodiċi “T2L” jew “T2LF” flimkien mal-firma tal-kunsinnatur jew, fin-nuqqas ta’ dan, tal-persuna kkonċernata, ta’ manifest marittimu jew ta’ carnets TIR, ATA kif ukoll “formoli 302” dwar it-trasport ta’ merkanzija skont il-Konvenzjoni bejn l-Istati partijiet għat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana dwar l-istatus tal-forzi tagħhom, iffirmata f’Londra fid-19 ta’ Ġunju 1951.

16 L-Artikolu 178 tal-imsemmi regolament ta’ delega, li huwa intitolat “Rekords”, jipprovdi:

“1. Ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 214(1) tal- [KodiċiDoganali tal-Unjoni], għandu jkun fihom dan li ġej:

[…]

(b) l-MRN jew, fejn dan ma jeżistix, kwalunkwe numru jew kodiċi ieħor li jidentifika d-dikjarazzjonijiet doganali li permezz tiegħu l-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura speċjali u, meta l-proċedura tkun ġiet rilaxxata skont l-Artikolu 215(1) tal-[Kodiċi Doganali tal-Unjoni], informazzjoni dwar il-mod kif il-proċedura tkun ġiet rilaxxata;

(c) data li tippermetti mingħajr dubju l-identifikazzjoni ta’ dokumenti doganali li ma jkunux dikjarazzjonijiet doganali, ta’ kwalunkwe dokumenti oħra rilevanti għat-tqegħid ta’ merkanzija taħt proċedura speċjali u ta’ kwalunkwe dokumenti oħra rilevanti għar-rilaxx korrispondenti tal-proċedura;

[…]

2 Fil-każ ta’ żoni ħielsa, ir-rekords għandhom, flimkien mal-informazzjoni pprovduta fil-paragrafu 1, jinkludu dan li ġej:

(a) dettalji li jidentifikaw id-dokumenti tat-trasport għall-merkanzija li tidħol jew toħroġ miż-żoni ħielsa;

[…]

3 L-awtoritajiet doganali jistgħu jirrinunzjaw il-ħtieġa għal ftit mill-informazzjoni prevista fil-paragrafi 1 u 2, fejn dan ma jaffettwax ħażin is-sorveljanza doganali u kontrolli tal-użu ta’ poċedura speċjali.

[…]”

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447

17 L-Artikolu 226 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2015, L 343, p. 558, rettifiki fil-ĠU 2016, L 87, p. 35 u fil-ĠU 2017, L 101, p. 195) li huwa intitolat "Numru ta' Referenza Prinċipali" u li jimplimenta l-Artikolu 172 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li min-naħa tiegħu huwa intitolat "L-aċċettazzjoni ta' dikjarazzjoni doganali", jipprovdi:

"Għajr għall-każijiet meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni doganali bil-fomm jew b'att li jitqies li jkun dikjarazzjoni doganali, jew meta d-dikjarazzjoni doganali tieħu l-forma ta' dħul fir-rekords tad-dikjarant skont l-Artikolu 182 tal-[Kodiċi Doganali tal-Unjoni], l-awtoritajiet doganali għandhom jinnotifikaw lid-dikjarant dwar l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali u għandu jipprovdih b'MRN għal dik id-dikjarazzjoni u bid-data tal-aċċettazzjoni tiegħu.

Dan l-Artikolu ma għandux japplika qabel id-dati rispettivi tat-tnedija tas-[Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni (AES)] u tas-[sistema kompjuterizzata l-ġdida ta' tranżitu (NCTS)] u l-aġġornament tas-sistemi nazzjonali ta' importazzjoni elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE [tal-Kummissjoni tad- 29 ta' April 2014 li tistabbilixxi l-Programm ta' Ħidma għall-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2014, L 134, p. 46)]."

Id-dritt Latvjan

Id-Digriet Nru 500 tal-Kunsill tal-Ministri li Jistabbilixxi r-Regoli dwar l-Imħażen Doganali, il-Ħażna Temporanja u ż-Żoni Ħielsa

18 Il-punt 77 tal-Ministru kabineta noteikumi Nr. 500 "Muitas noliktavu, pagaidu uzglabāšanas un brīvo zonu noteikumi" (id-Digriet Nru 500 tal-Kunsill tal-Ministri, dwar l-imħażen doganali, il-ħażna temporanja u ż-żoni ħielsa), tat-22 ta' Awwissu 2017 (Latvijas Vēstnesis, 2017, Nru 173, jipprevedi:

"Il-persuna li fiż-żona ħielsa tagħha tkun maħżuna, maħduma, mibjugħa jew mixtrija l-merkanzija mhux tal-Unjoni, għandha tiżgura li l-merkanzija maħżuna fiż-żona ħielsa tiġi inkluża fir-rekords u identifikata."

19 Skont il-punt 79 tad-Digriet:

"Il-persuna kkonċernata għandha tippreżenta dikjarazzjoni ta' kull xahar, fit-terminu speċifikat fl-approvazzjoni, tal-merkanzija mhux tal-Unjoni introdotta fiż-żona ħielsa, maħruġa minnha u mniżżla fid-dokumenti matul ix-xahar preċedenti, li tindika n-numru tad-dokument doganali jew in-numru tal-polza tal-vjaġġ li taħtha l-merkanzija daħlet fiż-żona ħielsa u ħarġet minnu, jew tipprovdi aċċess online għas-sistema tal-kontabbiltà tal-merkanzija lill-uffiċjali tal-amministrazzjoni fiskali."

Il-Liġi dwar il-Proċedura Amministrattiva

20 L-Artikolu 153(3) tal-Administratīvā procesa likums (il-Liġi dwar il-Proċedura Amministrattiva), tal-25 ta' Ottubru 2001 (Latvijas Vēstnesis, 2001, Nru 164), jipprovdi:

"Il-fatti kkonstatati fil-motivi ta' sentenza li għandha l-awtorità ta' res judicata ma għandhomx jiġu pprovati mill-ġdid fil-kuntest tal-eżami ta' kawża amministrattiva li tinvolvi l-istess partijiet."

Il-Liġi dwar is-Setgħa Ġudizzjarja

21 L-Artikolu 16(3) u (4) tal-Likums "Par tiesu varu" (il-Liġi dwar is-Setgħa Ġudizzjarja) tal-15 ta' Diċembru 1992 (Latvijas Vēstnesis, 1993, Nru 1/2), jipprevedi:

"(3) Skont il-proċedura prevista mil-liġi, sentenza torbot lill-qorti waqt l-eżami ta' kawżi oħra konnessi ma' din il-kawża.

(4) Dawn is-sentenzi għandhom saħħa legali, jorbtu lil kulħadd u għandhom jiġu osservati bl-istess mod bħal-liġijiet."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

22 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, Baltic Container, hija detentriċi ta' awtorizzazzjoni sabiex teżerċita attivitajiet ta' tagħbija, ta' ħatt u ta' ħażna ta' merkanzija fiż-żona ħielsa tal-port ta' Riga. L-amministrazzjoni fiskali approvat ir-rekords, fis-sens tal-Artikolu 214 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li fihom Baltic Container tirreġistra l-merkanzija mqiegħda f'żona ħielsa.

23 Fil-kuntest ta' verifika tal-kontabbiltà tal-merkanzija mqiegħda f'żona ħielsa, l-amministrazzjoni fiskali qieset li ċerta merkanzija mhux tal-Unjoni, fis-sens tal-punt 24 tal-Artikolu 5 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, f'dan il-każ basktijiet tal-plastik, li daħlet f'żona ħielsa bil-baħar fi tliet kontejners fit-2 ta' Ottubru 2018, fit-18 ta' Diċembru 2018 u fil-15 ta' Jannar 2019 u rreġistrata fir-rekords ta' Baltic Container, kienet ħalliet iż-żona ħielsa ta' Riga fit-2 ta' Ottubru 2018, fit-18 ta' Diċembru 2018 u fis-17 ta' Jannar 2019 mingħajr applikazzjoni ta' sistema doganali ġdida. Għaldaqstant, is-sistema doganali partikolari ta' ħażna f'żona ħielsa ma kinitx twettqet. L-amministrazzjoni fiskali kkonkludiet li l-merkanzija inkwistjoni kienet tneħħiet mis-sorveljanza doganali, li, skont din l-amministrazzjoni, nisslet dejn doganali fil-konfront ta' Baltic Container skont l-Artikolu 79 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

24 Permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Lulju 2019, l-amministrazzjoni fiskali ordnat lil Baltic Container tħallas id-dazji fuq l-importazzjoni, il-VAT kif ukoll penalitajiet moratorji relatati ma' dawn iż-żewġ taxxi.

25 Permezz ta' sentenza tad-9 ta' Lulju 2021, l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja) ċaħdet ir-rikors ta' Baltic Container kontra din id-deċiżjoni sa fejn din tikkonċerna d-dazji ta' importazzjoni u l-VAT. Din il-qorti rrilevat li l-merkanzija inkwistjoni kienet inħarġet miż-żona ħielsa kkonċernata abbażi ta' tliet polzi tal-vjaġġ stabbiliti konformement mal-Konvenzjoni dwar il-kuntratt ta' trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq, iffirmata f'Genève fid-19 ta' Mejju 1956, kif emendata bil-Protokoll tal-5 ta' Lulju 1978, li fihom l-istatus doganali ta' din il-merkanzija kien indikat mis-sinjal "C", li jservi sabiex jindika "merkanzija tal-Unjoni" fis-sens tal-punt 23 tal-Artikolu 5 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li ġie

ċċertifikat bit-timbru tad-dwana u l-firma ta' aġent doganali (iktar 'il quddiem il-"polza tal-vjaġġ CMR"). Madankollu, wara li l-imsemmija merkanzija ħalliet din iż-żona ħielsa, l-uffiċjali doganali kkonstataw li huma ma kellhomx id-dokumenti li jiġġustifikaw il-passaġġ tagħha mill-istatus doganali ta' "merkanzija mhux tal-Unjoni" għal dak ta' "merkanzija tal-Unjoni".

26 Fil-fatt, mir-regoli applikabbli jirriżulta li polza tal-vjaġġ CMR tista' sservi bħala prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni biss fir-rigward ta' merkanzija li diġà għandha dan l-istatus u mhux fir-rigward ta' merkanzija li tiksibha wara tibdil. Tali bidla fl-istatus doganali tista' tiġi ppruvata permezz ta' dikjarazzjoni doganali li ssemmi MRN jew polza tal-vjaġġ li tindika wkoll MRN mogħti lil tali dikjarazzjoni doganali. Għalhekk, dikjarazzjoni miktuba bl-idejn li tindika "status C", firma u timbru fuq polza tal-vjaġġ CMR ma jistgħux, fl-assenza ta' riferiment għal MRN li jippermetti li tiġi kkonstatata l-applikazzjoni ta' sistema doganali li tagħti dan l-istatus doganali lil merkanzija mhux tal-Unjoni, iservu bħala prova tal-bidla tal-imsemmi status f' "merkanzija tal-Unjoni".

27 Baltic Container ippreżentat appell ta' kassazzjoni mis-sentenza tad-9 ta' Lulju 2021, imsemmija fil-punt 25 ta' din is-sentenza, quddiem l-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema, il-Latvja), li hija l-qorti tar-rinviju.

28 Insostenn ta' dan l-appell, Baltic Container issostni li hija ma kisret ebda obbligu legali bħala detentur ta' awtorizzazzjoni sabiex teżerċita attivitajiet f'żona ħielsa, li hija ma kinitx ipparteċipat konxjament fil-ħruġ illegali tal-merkanzija inkwistjoni miż-żona ħielsa kkonċernata u li hija ma kellhiex, u lanqas ma setgħet, tkun taf bin-natura illegali ta' dan il-ħruġ. Fil-fatt, hija rreġistrat din il-merkanzija fir-rekords tagħha, skont l-approvazzjoni maħruġa mill-amministrazzjoni fiskali, u tatha lura lit-trasportatur skont il-polzi tal-vjaġġ CMR, li għandhom it-timbru doganali kif ukoll indikazzjoni ffirmata ta' aġent doganali li tindika li l-istatus doganali tal-imsemmija merkanzija kien dak ta' merkanzija tal-Unjoni, li huwa konformi mal-prattika doganali. Baltic Container għalhekk ikollha d-dritt tistenna rilaxx tas-sistema doganali partikolari ta' ħażna f'żona ħielsa li taħtha kienet tinsab din il-merkanzija.

29 Baltic Container tinvoka wkoll sentenza tar-Rīgas apgabaltiesas Krimināllietu tiesas kolēhebija (il-Qorti Reġjonali ta' Riga, Kulleġġ Kriminali, il-Latvja) tal-5 ta' Frar 2021, li permezz tagħha din il-qorti annullat is-sanzjonijiet amministrattivi imposti fuq ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fil-forma ta' penalitajiet minħabba l-istess fatti bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża. Skont din is-sentenza, Baltic Container ma kinitx kisret l-Artikolu 215(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, peress li hija ma kinitx neħħiet il-merkanzija inkwistjoni miż-żona ħielsa kkonċernata qabel ma applikat sistema doganali ġdida. B'mod partikolari, l-imsemmija qorti ddeċidiet li ma kien hemm ebda raġuni sabiex jiġi kkunsidrat li polza tal-vjaġġ CMR bil-kliem "status C" u li għandha t-timbru tad-dwana kif ukoll il-firma ta' aġent doganali ma kinitx suffiċjenti sabiex din il-merkanzija titqiegħed taħt sistema doganali ġdida. L-istess qorti kkonstatat ukoll li kienet teżisti prattika doganali li tgħid li l-merkanzija tqiegħdet taħt sistema doganali ġdida meta l-polza tal-vjaġġ CMR relatata magħha kienet immarkata bħala "status C", iċċertifikata bit-timbru tal-uffiċċju doganali.

30 L-amministrazzjoni fiskali ssostni li, meta l-merkanzija inkwistjoni ħarġet miż-żona ħielsa kkonċernata, Baltic Container ma żguratx li titqiegħed taħt sistema doganali ġdida u lanqas ma inkludiet, fir-rekords tagħha, l-elementi previsti fl-Artikolu 178(1)(b) tar-Regolament Delegat 2015/2446. Skont l-amministrazzjoni fiskali, l-istatus doganali mibdul tagħha f'merkanzija tal-Unjoni jista' jiġi emendat għall-merkanzija tal-Unjoni biss permezz tal-applikazzjoni ta' sistema doganali ġdida wara l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni doganali identifikata permezz ta' MRN. Għalhekk, ir-rikorrenti kellha ssemmi, fir-rekords tagħha, MRN li jippermetti li tiġi

identifikata d-dikjarazzjoni doganali li wasslet għall-bidla fl-istatus doganali tal-merkanzija inkwistjoni ta' merkanzija mhux tal-Unjoni f'merkanzija tal-Unjoni, peress li l-indikazzjoni "status C" li tinsab fil-polzi tal-vjaġġ CMR ma hijiex suffiċjenti għal dan l-għan.

31 Il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar il-possibbiltà, għal Baltic Container, li tikkontrolla l-istatus doganali tal-merkanzija inkwistjoni abbażi ta' MRN li tinsab fil-polzi tal-vjaġġ CMR u li tivverifika l-awtentiċità ta' dokument T2L, li abbażi tiegħu awtorità doganali ta' Stat Membru ieħor setgħet bidlet dan l-istatus, peress li ma huwiex ċert li din il-kumpannija kellha aċċess għad-databases meħtieġa għal dan l-għan. Barra minn hekk, fiż-żmien tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-prassi tal-amministrazzjoni fiskali kienet li tissuġġetta l-merkanzija kollha tal-Unjoni għal kontroll doganali addizzjonali qabel il-ħruġ tagħha miż-żona portwali kkonċernata, filwaqt li l-polzi tal-vjaġġ CMR kienu jinkludu, bħala prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, riferiment għal dan l-istatus iffirmat mill-aġent doganali u bit-timbru tal-punt ta' kontroll doganali.

32 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża wkoll li, skont l-att ta' approvazzjoni, mill-awtoritajiet doganali Latvjani, tal-forma tar-rekords miżmuma minn Baltic Container, din għandha żżommhom f'sistema online u tippermetti lil dawn l-awtoritajiet doganali jaċċedu għal din is-sistema. Baltic Container għandha, skont dan l-att ta' approvazzjoni, iżżomm l-oriġinali jew il-kopji tad-dokumenti tat-trasport li jakkumpanjaw il-merkanzija mdaħħla fiż-żona ħielsa kkonċernata u maħruġa minnha. Jekk din il-merkanzija tiddaħħal f'din iż-żona ħielsa jew maħruġa minnha permezz tal-istabbiliment ta' dikjarazzjoni doganali jew ta' dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid li ssemmi MRN, Baltic Container ma hijiex, bħala detentriċi ta' awtorizzazzjoni sabiex teżerċita attivitajiet f'żona ħielsa, marbuta li żżomm kopji ta' dan il-MRN għall-imsemmija merkanzija. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-informazzjoni fid-databases doganali u fit-terminals, l-imsemmi att ta' approvazzjoni ġie sussegwentement emendat sabiex jipprevedi li, meta merkanzija tkun ġiet iddikjarata jew imqiegħda taħt sistema doganali u li tkun ġiet attribwita lilha MRN, ma huwiex neċessarju li jinżammu kopji tad-dokumenti tat-trasport.

33 Il-qorti tar-rinviju qieset li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, kien hemm lok li ssir domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' rilaxx tas-sistema doganali ta' ħażna f'żona ħielsa kif ukoll dwar l-obbligi li għandha impriża bħal Baltic Container fir-rigward tal-elementi li għandhom jinżammu fir-rekords tagħha u dwar l-eventwali verifika ta' bidla fl-istatus doganali. Fil-każ li r-regoli doganali tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li bidla fl-istatus doganali ma tistax issir skont il-modalitajiet implimentati minn Baltic Container, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll dwar il-kwistjoni jekk din tistax tibbaża aspettattiva leġittima fuq il-prassi tal-awtoritajiet doganali li tikkonsisti fl-indikazzjoni fuq il-polzi tal-vjaġġ CMR tal-istatus doganali tal-merkanzija li toħroġ minn żona ħielsa.

34 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk il-prinċipju tal-awtorità ta' *res judicata*, irrikonoxxut fid-dritt nazzjonali u fid-dritt tal-Unjoni, jipprekludihiex milli tasal għal konklużjonijiet differenti minn dawk li waslet għalihom ir-Rīgas apgabaltiesas Krimināllietu tiesas kolēgano ija (il-Qorti Reġjonali ta' Riga, Kulleġġ Kriminali), f'sentenza tal-5 ta' Frar 2021, li saret definittiva, li tgħid li Baltic Container ma hijiex ħatja ta' nuqqas ta' osservanza, fis-sens tal-Artikolu 79 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, tal-obbligi tagħha taħt il-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 178(1)(b) u (c) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446, moqri flimkien mal-Artikolu 214(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, jippermetti l-iffinalizzar tas-sistema speċjali ta' 'ħażna f'żona libera' mingħajr in-numru ta' referenza tal-moviment (MRN) li jidentifika d-dikjarazzjoni doganali li tat lok għall-applikazzjoni ta' sistema doganali ġdida ma jkun imniżżel fis-sistema ta' kontabbiltà elettronika?

2) L-Artikoli 214(1) u 215(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Artikolu 178(1)(b) u (c) tar-Regolament Delegat 2015/2446 jippermettu lid-detentur tas-sistema speċjali ta' 'ħażna f'żona libera' li jiffinalizza din is-sistema abbażi biss ta' riferiment għall-istatus doganali tal-merkanzija mwaħħal minn aġent doganali fuq id-dokument tat-trasport (polza tal-vjaġġ CMR) mingħajr ma jivverifika personalment il-fondatezza tal-applikazzjoni tal-istatus doganali tal-merkanzija?

3) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għat-tieni domanda, x'inhi l-portata tal-verifika skont l-Artikoli 214(1) u 215(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u tal-Artikolu 178(1)(b) u (c) tar-Regolament Delegat 2015/2446 li tkun suffiċjenti sabiex jitqies li s-sistema speċjali ta' 'ħażna f'żona libera' ġiet ivverifikata b'mod korrett?

4) Id-detentur tas-sistema speċjali ta' 'ħażna f'żona libera' jista' jkollu aspettattivi leġittimi fil-konferma li toħroġ mill-awtoritajiet doganali skont liema l-istatus doganali tal-merkanzija għadda minn 'merkanzija mhux tal-Unjoni' għal 'merkanzija tal-Unjoni', filwaqt li din il-konferma ma tindikax il-fondatezza tal-bidla tal-istatus tal-merkanzija, u lanqas ma tinkludi d-data ta' natura li tiġi stabbilita l-fondatezza tal-imsemmija bidla?4) Id-detentur tas-sistema speċjali ta' 'ħażna f'żona libera' jista' jkollu aspettattivi leġittimi fil-konferma li toħroġ mill-awtoritajiet doganali skont liema l-istatus doganali tal-merkanzija għadda minn 'merkanzija mhux tal-Unjoni' għal 'merkanzija tal-Unjoni', filwaqt li din il-konferma ma tindikax il-fondatezza tal-bidla tal-istatus tal-merkanzija, u lanqas ma tinkludi d-data ta' natura li tiġi stabbilita l-fondatezza tal-imsemmija bidla?

5) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għar-raba' domanda, il-fatt li, f'kawża oħra quddiem qorti nazzjonali, ġie kkonstatat f'sentenza li saret finali li d-detentur tas-sistema doganali ma kisirx is-sistema doganali "ħażna f'żona libera", jista', konformement mal-prinċipju tal-awtorità ta' res judicata rrikonoxxut fid-dritt nazzjonali u fid-dritt tal-Unjoni, jikkostitwixxi motiv ta' eżenzjoni minn dejn doganali mnissel skont l-Artikolu 79(1)(a) u l-Artikolu 79(3)(a) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

36 Permezz tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 214(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Artikolu 178(1) (b) u (c) tar-Regolament Delegat 2015/2446 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li d-detentur ta' awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju ta' attivitajiet f'żona ħielsa (iktar 'il quddiem id-"detentur") jindika, fir-rekords

tiegħu, li l-proċedura doganali taż-żona ħielsa li taħtha tqiegħdet il-merkanzija ġiet eżegwita mingħajr ma jsemmi, f'dawn l-istess rekords, il-MRN li jidentifika d-dikjarazzjoni doganali li tikkorrispondi għat-tqegħid ta' din il-merkanzija taħt sistema doganali ġdida.

37 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 214(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jimponi fuq id-detentur l-obbligu li jżomm rekords xierqa fil-forma approvata mill-awtoritajiet doganali. Skont dan it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 214(1), dawn il-kotba[rekords] ikunu jinkludu l-informazzjoni u d-dettalji li jippermettu lill-awtoritajiet doganali li jissorveljaw il-proċedura [sistema] kkonċernata, b'mod partikolari fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-merkanzija mqiegħda taħt dik is-sistema, l-istatus doganali tagħha u l-movimenti tagħha.

38 Il-portata ta' dan l-obbligu hija speċifikata fl-Artikolu 178(1) tar-Regolament Delegat 2015/2446, li jelenka l-elementi li l-imsemmija rekords għandhom jinkludu u li jipprevedi, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet li fihom id-detentur huwa obbligat jinkludi MRN fihom.

39 Fir-rigward b'mod iktar preċiż dan l-Artikolu 178(1)(b), din id-dispożizzjoni tistabbilixxi żewġ obbligi distinti, jiġifieri li r-rekords għandhom jinkludu, minn naħa, il-MRN jew, meta ma jkunx hemm, kwalunkwe numru jew kodiċi ieħor li jidentifika d-dikjarazzjonijiet doganali li permezz tagħhom il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura partikolari u, min-naħa l-oħra, meta l-proċedura tkun rilaxxata, informazzjoni dwar il-mod kif il-proċedura tkun twettqet.

40 Issa, fir-rigward tal-ewwel wieħed minn dawn ir-rekwiżiti, għandu jiġi rrilevat, bħalma għamlet l-Avukata Ġenerali fil-punt 41 tal-konklużjonijiet tagħha, li, skont l-Artikolu 158(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, it-tqegħid ta' merkanzija taħt is-sistema doganali partikolari taż-żona ħielsa ma jeħtieġx dikjarazzjoni doganali, b'tali mod li ebda MRN ma hija kkomunikata fil-mument ta' dan it-tqegħid.

41 Fir-rigward tat-tieni wieħed minn dawn l-obbligi, dan jikkonċerna t-twettiq tas-sistema partikolari li taħtha tqiegħdet il-merkanzija kkonċernata. Skont l-Artikolu 215(1) ta' dan il-kodiċi, is-sistema doganali partikolari taż-żona ħielsa tista' tiġi rilaxxata b'erba' modi differenti. L-ewwel nett, meta l-merkanzija koperta minnha titqiegħed taħt sistema doganali ġdida, it-tieni, meta tinħareġ mit-territorju doganali tal-Unjoni, it-tielet, meta tkun ġiet meqruda mingħajr ma tħalli skart u, ir-raba' nett, meta tiġi abbandunata lill-Istat.

42 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tindika li t-tliet kunsinni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tqiegħdu taħt is-sistema doganali partikolari taż-żona ħielsa bħala merkanzija mhux tal-Unjoni u nħarġu fi żmien qasir bħala merkanzija tal-Unjoni. Issa, tali bidla fl-istatus doganali tal-merkanzija inkwistjoni tista' ssir biss wara t-tqegħid tagħha taħt is-sistema doganali ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera.

43 Fil-fatt, skont l-Artikolu 201(3) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, merkanzija mhux tal-Unjoni li tiġi rrilaxxata għal ċirkulazzjoni libera tingħata l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni. Barra minn hekk, mill-Artikolu 247(1) ta' dan il-kodiċi jirriżulta li l-merkanzija mhux tal-Unjoni tista' tiġi rrilaxxata għal ċirkulazzjoni libera matul is-soġġorn tagħha f'żona ħielsa.

44 Għal dan l-għan, il-merkanzija kkonċernata hija s-suġġett ta' dikjarazzjoni doganali konformement mal-Artikolu 158(1) tal-Kodiċi Doganali, li lilu jingħata MRN, fis-sens tal-punt 22 tal-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat 2015/2446 u fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 226 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/2447.

45 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 226 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/2447, ħlief meta d-dikjarazzjoni doganali tiġi ppreżentata verbalment jew permezz ta' att li jitqies li jikkostitwixxi tali dikjarazzjoni jew meta din tieħu l-forma ta' dħul fir-rekords tad-dikjarant, l-awtoritajiet doganali għandhom jikkomunikaw lil dan tal-aħħar MRN għal din id-dikjarazzjoni.

46 Ċertament, skont it-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu, l-imsemmi artikolu ma japplikax qabel id-dati li fihom iseħħu rispettivament il-varar tal-AES u tal-NCTS kif ukoll l-aġġornament tas-sistemi nazzjonali ta' importazzjoni msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255.

47 Madankollu, huwa paċifiku li l-ewwel domanda hija bbażata fuq żewġ premessi impliċiti. L-ewwel waħda hija li l-fatti fil-kawża prinċipali ma jaqgħux taħt wieħed mit-tliet każijiet partikolari stabbiliti fl-imsemmi l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 226, li fihom ebda MRN ma hija attribwita. It-tieni premessa impliċita hija li dawn il-fatti seħħew wara d-data tat-tnedija tal-AES u tal-NCTS kif ukoll dik tal-aġġornament tas-sistemi Latvjani ta' importazzjoni msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255.

48 Konsegwentement, għandha tingħata risposta għal din id-domanda billi wieħed jitlaq mill-premessa li, kuntrarjament għat-tqegħid inizjali tal-merkanzija taħt is-sistema speċjali taż-żona ħielsa, it-tqegħid sussegwenti ta' din il-merkanzija taħt is-sistema doganali taċ-ċirkulazzjoni libera, kellu jagħti lok għal dikjarazzjoni doganali u li, konsegwentement, fil-mument meta s-sistema taż-żona ħielsa kienet twettqet, id-dikjarant kellu jkollu MRN li tidentifika din id-dikjarazzjoni.

49 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li t-tieni rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 178(1)(b) tar-Regolament Delegat 2015/2446 sempliċement jirrikjedi li s-sottomissjonijiet bil-miktub tad-detentur jinkludu informazzjoni dwar il-mod kif l-iskema ġiet approvata mingħajr ma jeżiġi li dawn ir-rekords jinkludu MRN.

50 Bl-istess mod, fir-rigward tal-Artikolu 178(1) (c) ta' dan ir-Regolament Delegat, din id-dispożizzjoni timponi li d-data li tippermetti li jiġu identifikati mingħajr ekwivoku d-dokumenti li din id-dispożizzjoni ssemmi jissemmew fir-rekords tad-detentur, mingħajr ma teżiġi li tiġi inkluża fiha MRN.

51 Minn dan isegwi li din id-dispożizzjoni ma tobbligax lid-detentur isemmi, fir-rekords tiegħu, il-MRN li jidentifika d-dikjarazzjoni doganali li tat lok għar-rilaxx għas-sistema doganali partikolari ta' ħażna f'żona ħielsa permezz tat-tqegħid tal-merkanzija kkonċernata taħt is-sistema doganali ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera.

52 Għaldaqstant, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 214(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Artikolu 178(1) (b) u (ċ) tar-Regolament Delegat 2015/2446 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li d-detentur jinkludi, fir-rekords tiegħu, informazzjoni dwar il-mod kif is-sistema doganali taż-żona ħielsa twettqet u data li tippermetti li jiġi identifikat kull dokument, minbarra d-dikjarazzjoni doganali, dwar ir-rilaxx, mingħajr ma jsemmi, f'dawn l-istess rekords, il-MRN li jidentifika d-dikjarazzjoni doganali li tikkorrispondi għat-tqegħid tal-merkanzija kkonċernata taħt sistema doganali ġdida.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda

53 Permezz tat-tieni u tat-tielet domanda, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 214(1) u l-Artikolu 215(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni kif ukoll l-Artikolu 178(1) (b) u (ċ) tar-Regolament Delegat 2015/2446 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li:

– jipprekludu lid-detentur milli jdaħħal fir-rekords tiegħu r-rilaxx tas-sistema doganali partikolari taż-żona ħielsa fir-rigward ta' ċerta merkanzija u f'dan il-mument sempliċement jinkludi fiha informazzjoni dwar biss polza tal-vjaġġ CMR li takkumpanja din il-merkanzija waqt il-ħruġ tagħha miż-żona ħielsa kkonċernata, li tindika l-istatus doganali tal-imsemmija merkanzija, iċċertifikata bit-timbru doganali u ffirmata minn uffiċjal tad-dwana;

– huma għandhom jeħtieġu li dak id-detentur jivverifika l-veraċità ta' din l-indikazzjoni.

54 Fl-ewwel lok, mill-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li l-polzi tal-vjaġġ CMR, li jinkludu l-kliem "status C", iċċertifikat bit-timbru doganali u ffirmat minn aġent doganali, jindikaw, ċertament, li l-istatus doganali tal-merkanzija kkonċernata għadda minn dak ta' "merkanzija mhux tal-Unjoni" għal dak ta' "merkanzija tal-Unjoni". Madankollu, dawn il-polzi tal-vjaġġ ma fihomx informazzjoni espliċita biżżejjed dwar il-mod kif is-sistema doganali partikolari ta' ħżin f'żona ħielsa ġiet irrilaxxata. Minn dan isegwi li l-inklużjoni, fir-rekords tad-detentur, ta' riferiment għal tali polzi tal-vjaġġ ma tissodisfax it-tieni rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 178(1)(b) tar-Regolament Delegat 2015/2446, li tiġi inkluża, fir-rekords, informazzjoni dwar il-mod kif l-iskema inkwistjoni ġiet eżegwita, u lanqas ma tissodisfa r-rekwiżit, stabbilit fl-Artikolu 178(1)(c) tar- Regolament Delegat 2015/2446, li f'dawn l-istess rekords, tiġi inkluża data li tippermetti l-identifikazzjoni ta' kull dokument relatat mal-approvazzjoni korrispondenti.

55 Madankollu, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 44 tal-konklużjonijiet tagħha, li l-imsemmi Artikolu 178(3) jipprevedi li l-awtoritajiet doganali jistgħu jneħħu l-obbligu li jipprovdu ċerta informazzjoni prevista fil-paragrafi 1 u 2 tal-imsemmi artikolu, meta dan ma jippreġudikax is-sorveljanza u l-kontroll doganali tal-użu ta' sistema partikolari. Għalhekk, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk l-awtoritajiet doganali Latvjani, skont l-istess Artikolu 178(3), neħħewx l-obbligu, għad-detentur, li jinkludi, fir-rekords tiegħu, informazzjoni dwar il-mod kif is-sistema doganali partikolari taż-żona ħielsa twettqet kif ukoll id-data li tippermetti li jiġi identifikat kull dokument relatat ma' dan ir-rilaxx.

56 Minn dan jirriżulta li d-detentur jista' jissodisfa l-obbligi tiegħu ta' żamma ta' dokumenti relatati mar-rilaxx tas-sistema doganali partikolari taż-żona ħielsa li taħtha titqiegħed merkanzija mhux tal-Unjoni billi jinkludi, fir-rekords tiegħu, informazzjoni dwar polza tal-vjaġġ CMR li takkumpanja din il-merkanzija mal-ħruġ tagħha miż-żona ħielsa kkonċernata, li tindika, fil-forma ta' indikazzjoni magħmula mill-awtoritajiet doganali, l-istatus doganali tagħhom, sakemm dawn l-awtoritajiet ikunu neħħew l-obbligu li jipprovdu informazzjoni iktar espliċita dwar il-mod kif ir-rilaxx ta' din is-sistema doganali partikolari titwettaq skont l-Artikolu 178(3) tar-Regolament Delegat 2015/2446, fatt li, fil-kawża prinċipali, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

57 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-verifika tal-indikazzjoni tal-istatus doganali li tinsab fil-polzi tal-vjaġġ CMR, għandu jiġi rrilevat, bħalma osservat l-Avukata Ġenerali fil-punt 55 tal-konklużjonijiet tagħha, li l-Kodiċi Doganali ma jsemmi ebda obbligu partikolari impost fuq id-detentur li jivverifika l-eżattezza tad-dikjarazzjonijiet u indikazzjonijiet oħra li jinsabu fid-dokumenti mibgħuta lilu.

58 Ċertament, bħala professjonist, id-detentur għandu juri prova ta' livell minimu ta' viġilanza. Madankollu, sakemm ma jkunx manifest, għal kull professjonist, minn qari tal-polza tal-vjaġġ li l-indikazzjoni li din issemmi kienet dubjuża, fatt li, fil-kawża prinċipali, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika billi tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-indikazzjoni relatata mal-istatus tal-merkanzija kkonċernata li tidher fuq il-polzi tal-vjaġġ CMR kienet barra minn hekk iċċertifikata bit-timbru tad-dwana u ffirmata minn uffiċjal doganali, id-detentur ma jistax jiġi kkritikat li ma vverifikax l-eżattezza tal-imsemmija indikazzjoni.

59 Konsegwentement, ir-risposta għat-tieni u għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 214(1) u l-Artikolu 215(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni kif ukoll l-Artikolu l-aċċenn relatat mal-istatus tal-merkanzija kkonċernata li tidher fuq il-polzi tal-vjaġġ CMR(1) (b) u (c) tar-Regolament Delegat 2015/2446 għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

– ma jipprekludux lid-detentur milli jdaħħal fir-rekords tiegħu r-rilaxx tas-sistema doganali partikolari taż-żona ħielsa fir-rigward ta' ċerta merkanzija u f'dan il-mument sempliċement jinkludi fiha informazzjoni dwar biss polza tal-vjaġġ CMR li takkumpanja din il-merkanzija waqt il-ħruġ tagħha miż-żona ħielsa kkonċernata, li tindika l-istatus doganali tal-imsemmija merkanzija, iċċertifikata bit-timbru doganali u ffirmata minn uffiċjal tad-dwana; sa fejn l-awtoritajiet doganali jkunu awtorizzaw dan il-metodu ta' rilaxx skont dan l-Artikolu 178(3);

– huma ma għandhomx jeħtieġu li dan id-detentur jivverifika l-veraċità ta' din l-indikazzjoni.

Fuq ir-raba' domanda

60 Permezz tar-raba' domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi għandux jiġi interpretat fis-sens li l-indikazzjoni tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni li tinsab f'polza tal-vjaġġ CMR li takkumpanja din il-merkanzija mal-ħruġ tagħha minn żona ħielsa, iċċertifikata bit-timbru doganali u ffirmata minn aġent doganali, tista' toħloq tali aspettattivi fi ħdan id-detentur fir-rigward tal-validità ta' bidla fl-istatus doganali ta' din il-merkanzija fid-dawl tal-leġiżlazzjoni doganali, minkejja li din l-polza ma tindikax il-bażi ta' dan it-tibdil.

61 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li din id-domanda tqum fil-każ li l-qorti tar-rinviju tikkonstata, fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tieni u għat-tielet domanda, li l-awtoritajiet doganali Latvjani ma adottawx, skont l-Artikolu 178(3) tar-Regolament Delegat 2015/2446, att formali sabiex ineħħu l-obbligi previsti f'dan l-Artikolu 178(1) (b) u (c), dwar l-informazzjoni u d-data li tippermetti l-identifikazzjoni mingħajr ekwivoku tad-dokumenti li jirrigwardaw ir-rilaxx tas-sistema doganali partikolari li għandhom jinkludu r-rekords tad-detentur.

62 Barra minn hekk, peress li, kif ġie espost fil-punt 57 ta' din is-sentenza, il-Kodiċi Doganali ma jsemmi ebda obbligu partikolari impost fuq id-detentur li jivverifika l-eżattezza tad-dikjarazzjonijiet li jinsabu fid-dokumenti mibgħuta lilu, il-qorti tar-rinviju tistaqsi,

essenzjalment, dwar il-kundizzjonijiet li fihom id-detentur jista' jinvoka aspettattivi leġittimi fil-konformità tar-rekords tiegħu mal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 178 tar-Regolament Delegat 2015/2446.

63 F'dawn iċ-ċirkustanzi, kif osservat l-Avukata Ġenerali fil-punt 69 tal-konklużjonijiet tagħha, tqum il-kwistjoni dwar, b'mod partikolari, f'liema kundizzjonijiet prattika amministrattiva stabbilita li tikkonsisti fit-twaħħil, fuq il-polozz tal-vjaġġ CMR li jakkumpanjaw il-merkanzija mal-ħruġ tagħha miż-żona ħielsa, ta' indikazzjoni ffirmata u ta' timbru li jindikaw li din il-merkanzija kisbet l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni tista' toħloq, fir-rigward tad-detentur, indikazzjoni ffirmata u timbru li jindikaw li din il-merkanzija kisbet l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni, aspettattiva leġittima fis-sens li, skont l-Artikolu 178(3) tar-Regolament Delegat 2015/2446, l-awtoritajiet doganali neħħew l-obbligu li jipprovdu ċerta informazzjoni prevista fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-artikolu u li l-inklużjoni, fir-rekords tad-detentur, ta' informazzjoni relatata biss ma' poloz tal-vjaġġ CMR annotati mill-awtoritajiet doganali hija suffiċjenti.

64 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jagħmel parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u huwa impost fuq kull awtorità nazzjonali inkarigata li tapplika d-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-14 ta' Lulju 2022, Sense Visuele Communicatie en Handel vof, C-36/21, EU:C:2022:556, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Minn dan isegwi li, fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali, l-awtoritajiet nazzjonali huma obbligati li josservaw dan il-prinċipju. Issa, id-dritt li jiġi invokat l-imsemmi prinċipju jappartjeni, bħala korollarju tal-prinċipju ta' ċertezza legali, lil kull individwu li jinsab f'sitwazzjoni li fiha amministrazzjoni tkun nisslet fih aspettattivi fondati. Informazzjoni preċiża, inkundizzjonata, konsistenti u li toriġina minn sorsi awtorizzati u affidabbli tista' tnissel tali aspettattivi, tkun xi tkun il-forma li fiha tiġi kkomunikata. Għall-kuntrarju, ħadd ma jista' jinvoka ksur tal-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi fl-assenza ta' garanziji preċiżi li jkunu ngħatawlu mill-amministrazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Il-Litwanja *et* vs Il-Parlament u l-Kunsill (Pakkett dwar il-Mobbiltà), C-541/20 sa C-555/20, EU:C:2024:818, punt 616). Barra minn hekk, l-aġir ta' awtorità nazzjonali inkarigata mill-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li tmur kontra dispożizzjoni ta' dan id-dritt jew kontra d-dritt nazzjonali adottat b'applikazzjoni ta' dan tal-aħħar, ma jistax joħloq aspettattivi leġittimi fi ħdan operatur ekonomiku. (ara s-sentenza tal-14 ta' Lulju 2022, Sense Visuele Communicatie en Handel vof C-36/21, EU:C:2022:556, punti 22 u 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 178(3) tar-Regolament Delegat 2015/2446 ma jipprevedix modalitajiet preċiżi li permezz tagħhom l-awtoritajiet doganali jistgħu jneħħu l-obbligu li jipprovdu ċerta informazzjoni prevista fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-artikolu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, prassi amministrattiva kostanti li tikkonsisti fil-kunsiderazzjoni li l-inklużjoni, fir-rekords tad-detentur, tal-informazzjoni dwar polza tal-vjaġġ CMR li takkumpanja l-merkanzija kkonċernata mal-ħruġ tagħha minn żona ħielsa, flimkien mal-indikazzjoni tal-istatus doganali, iċċertifikata bit-timbru doganali u ffirmata minn aġent doganali, hija suffiċjenti għall-finijiet tar-rilaxx tas-sistema doganali partikolari ma tmurx kontra l-Artikolu 178(1) (b) u (c) u (3) tar-Regolament Delegat 2015/2446.

67 Għaldaqstant, id-detentur jista' jinvoka, fil-preżenza ta' tali prattika, aspettattivi leġittimi fil-konformità tar-rekords tiegħu mal-Artikolu 178 tar-Regolament ta' Delega 2015/2446. Dan jista' jkun il-każ, b'mod partikolari, jekk l-awtoritajiet doganali, fil-passat, indikaw lid-detentur b'mod preċiż, inkundizzjonat u konkordanti li l-inklużjoni, fir-rekords tiegħu, tad-data li tippermetti li tiġi identifikata polza tal-vjaġġ CMR b'din l-indikazzjoni kienet biżżejjed sabiex

jitqies li dan kien issodisfa l-obbligi tiegħu taħt l-imsemmi artikolu. F'tali każ, id-detentur jista' jkollu aspettattivi leġittimi fil-fatt li l-awtoritajiet doganali, konformement mal-Artikolu 178(3) tar-Regolament Delegat 2015/2446, neħħew l-obbligu li jipprovdu ċerta informazzjoni prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu.

68 Konsegwentement, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li l-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi għandu jiġi interpretat fis-sens li d-detentur jista' jibbaża tali aspettattiva fil-konformità tar-rekords tiegħu mal-Artikolu 178(1)(b) u (c) tar-Regolament Delegat 2015/2446 dwar prassi stabbilita tal-awtoritajiet doganali li minnha jirriżulta b'mod preċiż u inkundizzjonat li l-inklużjoni, fir-rekords tad-detentur, biss ta' informazzjoni dwar polza tal-vjaġġ CMR li takkumpanja l-merkanzija kkonċernata meta tinħareġ minn żona ħielsa, flimkien mal-indikazzjoni bil-miktub tal-istatus doganali, iċċertifikata bit-timbru doganali u ffirmata minn uffiċjal doganali, hija biżżejjed sabiex tissodisfa l-obbligi li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet.

Fuq il-ħames domanda

69 Permezz tal-ħames domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li tirrigwarda l-awtorità ta' *res judicata*, li tobbliga lil qorti ta' Stat Membru tannulla dejn doganali dovut mid-detentur skont l-Artikolu 79 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, għar-raġuni li l-qorti ta' dan l-Istat Membru kompetenti sabiex tistħarreġ il-legalità tas-sanzjoni amministrattiva imposta fuq dan id-detentur għall-istess operazzjonijiet doganali u għall-istess raġunijiet bħal dawk li minnhom jirriżulta dan id-dejn ikkonstatat, f'deċiżjoni ġudizzjarja li kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, li dan ma naqasx milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt il-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni.

70 Għandu jiġi speċifikat qabelxejn li r-risposta għal din id-domanda tingħata fil-każ li l-qorti tar-rinviju tqis, minn naħa, li l-awtoritajiet doganali ma neħħewx formalment, skont l-Artikolu 178(3) tar-Regolament Delegat 2015/2446, l-obbligi rilevanti tad-detentur u, min-naħa l-oħra, li d-detentur ma jistax, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, jinvoka aspettattivi leġittimi fil-konformità tar-rekords tiegħu mal-Artikolu 178(1)(b) u (c) tar-Regolament Delegat 2015/2446.

71 Wara li ġie ppreċiżat dan, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* għandu importanza kemm fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni kif ukoll fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali. Fil-fatt, sabiex jiġu ggarantiti kemm l-istabbiltà tal-liġi u tar-relazzjonijiet ġuridiċi kif ukoll l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, huwa essenzjali li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jkunu saru definittivi wara li jkunu ntużaw il-mezzi kollha disponibbli għal appell jew wara li jkun skada t-terminu previst għal appell sabiex dawn is-sentenzi ma jkunux jistgħu jiġu kkontestati iktar. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' April 2022, Avio Lucos, C-116/20, EU:C:2022:273, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 Għaldaqstant, id-dritt tal-Unjoni ma jimponix fuq il-qorti nazzjonali l-obbligu li ma tapplikax ir-regoli proċedurali interni li jagħtu l-awtorità ta' *res judicata* lil deċiżjoni, anki jekk, li kieku jsir hekk, dan jippermetti li tiġi rrimedjata sitwazzjoni nazzjonali li tkun inkompatibbli ma' dan id-dritt. Id-dritt tal-Unjoni ma jeżiġix għalhekk li, sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni rilevanti ta' dan id-dritt adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja, korp ġudizzjarju nazzjonali għandu, bħala prinċipju, jirriforma d-deċiżjoni tiegħu li jkollha l-awtorità ta' *res judicata* (sentenza tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines, C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260, punti 89 u 90 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

73 Fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar dan is-suġġett, ir-regoli dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-awtorità ta' *res judicata* jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali ta' dawn tal-aħħar. Madankollu, dawn ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u lanqas ma għandhom jiġu applikati b'mod li, fil-prattika, l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni jsir impossibbli jew eċċessivament diffiċli (prinċipju ta' effettività) (sentenza tas-7 ta' April 2022, Avio Lucos, C-116/20, EU:C:2022:273, punt 100 u l-ġurisprudenza ċċitata).

74 Barra minn hekk, kull każ, li fih tqum id-domanda ta' jekk dispożizzjoni proċedurali nazzjonali tagħmilx impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni għandu jiġi analizzat billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-irwol ta' din id-dispożizzjoni fil-proċedura kollha, l-iżvolġiment tiegħu u l-karatteristiċi partikolari tiegħu quddiem id-diversi qrati nazzjonali. F'din il-perspettiva, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni, jekk ikun neċessarju, il-prinċipji li fuqhom hija bbażata s-sistema ġudizzjarja nazzjonali, bħalma huma l-ħarsien tad-drittijiet tad-difiża, il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-iżvolġiment korrett tal-proċedura (sentenza tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines, C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260, punt 93).

75 Għalhekk, ġie deċiż li l-prinċipju ta' effettività jipprekludi interpretazzjoni tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* li ġġiegħel lill-qorti nazzjonali tirriproduċi interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tad-dritt tal-Unjoni, minħabba s-sempliċi fatt li, għalkemm għandha suġġett differenti, il-kawża pendenti quddiemha tirrigwarda l-istess relazzjoni ġuridika jew l-istess punt fundamentali deċiż permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja li saret *res judicata*. Fil-fatt, tali ostakoli għall-applikazzjoni effettiva tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni ma jistgħux jiġu ġġustifikati b'mod raġonevoli permezz tal-prinċipju ta' ċertezza legali u għandhom għalhekk jitqiesu li jmorru kontra l-prinċipju ta' effettività (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2009, Fallimento Olimpiclub, C-2/08, EU:C:2009:506, punti 29 sa 31; tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines, C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260, punti 94 sa 96, kif ukoll tas-7 ta' April 2022, Avio Lucos, C-116/20, EU:C:2022:273, punti 102 sa 104).

76 Issa, il-qorti tar-rinviju ma hijiex mitluba tirriproduċi interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tad-dritt tal-Unjoni li tirriżulta minn deċiżjoni ġudizzjarja li ddeċidiet, b'mod definittiv, fuq relazzjoni ġuridika jew punt fundamentali inkwistjoni f'tilwima li għandha suġġett differenti.

77 Fil-fatt, l-ewwel nett, il-kawża deċiża mir-Rīgas apgabaltiesas Krimināllietu tiesas kolēhebija (il-Qorti Reġjonali ta' Riga, Kulleġġ Kriminali) u l-kawża prinċipali jirrigwardaw l-istess operazzjonijiet doganali.

78 It-tieni nett, huwa ċertament minnu li n-nuqqas ta' osservanza ta' obbligu doganali jista' jwassal għal diversi konsegwenzi legali, bħat-tnissil ta' dejn doganali prinċipali, kompost minn dazji fuq l-importazzjoni u ta' VAT, minn naħa, u mill-penalitajiet marbuta miegħu, min-naħa l-oħra. Xorta jibqa' l-fatt li, kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari, kemm id-dejn prinċipali kif ukoll il-penalitajiet moratorji relatati miegħu huma dovuti mid-detentur skont deċiżjoni waħda tal-amministrazzjoni fiskali u, fi kwalunkwe każ, joriġinaw mill-allegat nuqqas ta' osservanza tal-istess obbligi relatati mar-rekords tad-detentur bħal dawk li fuqhom hija bbażata l-kawża deċiża mir-Rīgas apgabaltiesas Krimināllietu tiesas kolēġija (il-Qorti Reġjonali ta' Riga, Kulleġġ Kriminali).

79 F'dawn iċ-ċirkustanzi, sa fejn id-dritt Latvjan jipprevedi regola li tgħid li l-qrati amministrattivi huma marbuta bid-deċiżjonijiet tal-qrati kriminali, il-kontestazzjoni ta' din l-allegata inosservanza, imqajma fil-kuntest ta' azzjonijiet ġudizzjarji li jikkonċernaw l-istess operazzjonijiet doganali, għandha, bħala prinċipju, tiġi rregolata b'mod uniformi. Issa, il-prinċipju ta' effettività ma jistax jipprekludi l-osservanza tal-awtorità ta' *res judicata* li għandha deċiżjoni ġudizzjarja li tkun saret definittiva, bil-kundizzjoni li din l-osservanza ma tipproduċix effetti fir-rigward ta' kawżi oħra għajr dawk li jikkontestaw il-legalità tal-istess deċiżjoni amministrattiva jew il-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti li jikkonċernaw l-istess operazzjonijiet doganali.

80 Konsegwentement, ir-risposta għall-ħames domanda għandha tkun li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li tirrigwarda l-awtorità ta' *res judicata*, li tobbliga lil qorti ta' Stat Membru tannulla dejn doganali dovut mid-detentur skont l-Artikolu 79 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, għar-raġuni li l-qorti ta' dan l-Istat Membru kompetenti sabiex tistħarreġ il-legalità tas-sanzjoni amministrattiva imposta fuq dan id-detentur għall-istess operazzjonijiet doganali u għall-istess raġunijiet bħal dawk li minnhom jirriżulta dan id-dejn ikkonstatat, f'deċiżjoni ġudizzjarja li kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, li dan ma naqasx milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt il-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni.

Fuq l-ispejjeż

81 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 214(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Artikolu 178 paragrafu 1 (b) u (c) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jipprekludux li d-detentur jinkludi, ffir-rekords tiegħu, informazzjoni dwar il-mod kif is-sistema doganali taż-żona ħielsa twettqet u data li tippermetti li jiġi identifikat kull dokument, minbarra d-dikjarazzjoni doganali, dwar ir-rilaxx, mingħajr ma jsemmi, f'dawn l-istess rekords, in-numru ta' referenza prinċipali li jidentifika d-dikjarazzjoni doganali li tikkorrispondi għat-tqegħid tal-merkanzija kkonċernata taħt sistema doganali ġdida

2) L-Artikolu 214(1) u l-Artikolu 215(1) tar-Regolament Nru 952/2013 u l-Artikolu 178(1)(b) u (c) tar-Regolament Delegat 2015/2446

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

– **ma jipprekludux li d-detentur ta' awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju ta' attivitajiet f'żona ħielsa milli jdaħħal fir-rekords tiegħu r-rilaxx tas-sistema doganali partikolari taż-żona ħielsa fir-rigward ta' ċerta merkanzija u f'dan il-mument sempliċement jinkludi fiha informazzjoni dwar biss polza tal-vjaġġ stabbilita konformement mal-Konvenzjoni dwar il-kuntratt ta' trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq, iffirmata f'Genève fid-19 ta' Mejju 1956, kif emendata bil-Protokoll tal-5 ta' Lulju 1978, li takkumpanja din il-merkanzija waqt il-ħruġ tagħha miż-żona ħielsa kkonċernata, li tindika l-istatus doganali tal-imsemmija merkanzija, iċċertifikata bit-timbru doganali u ffirmata minn uffiċjal tad-dwana; sa fejn l-awtoritajiet doganali jkunu awtorizzaw dan il-metodu ta' rilaxx skont dan l-Artikolu 178(3);**

– **ma jeżiġux li d-detentur ta' awtorizzazzjoni biex iwettaq attivitajiet f'żona ħielsa jivverifika l-veraċità ta' din l-indikazzjoni.**

3) **Il-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi**

4) **għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

id-detentur jista' jibbaża tali aspettattiva fil-konformità tar-rekords tiegħu mal-Artikolu 178(1)(b) u (c) tar-Regolament Delegat 2015/2446 dwar prassi stabbilita tal-awtoritajiet doganali li minnha jirriżulta b'mod preċiż u inkundizzjonat li l-inklużjoni, fir-rekords tad-detentur, biss ta' informazzjoni dwar polza tal-vjaġġ stabbilita konformament il-Konvenzjoni dwar il-kuntratt ta' trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq, iffirmata f'Genève fid-19 ta' Mejju 1956, kif emendata bil-Protokoll tal-5 ta' Lulju 1978 li takkumpanja l-merkanzija kkonċernata meta tinħareġ minn żona ħielsa, flimkien mal-indikazzjoni tal-istatus doganali, iċċertifikata bit-timbru doganali u ffirmata minn uffiċjal doganali, hija biżżejjed sabiex tissodisfa l-obbligi li jirriżultaw minn din id-dispożizzjoni.

5) **Id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li tirrigwarda l-awtorità ta' *res judicata*, li tobbliga lil qorti ta' Stat Membru tannulla dejn doganali dovut mid-detentur skont l-Artikolu 79 tar-Regolament Nru 952/2013, għar-raġuni li l-qorti ta' dan l-Istat Membru kompetenti sabiex tistħarreġ il-legalità tas-sanzjoni amministrattiva imposta fuq dan id-detentur ta' awtorizzazzjoni biex iwettaq attivitajiet f'żona ħielsa għall-istess operazzjonijiet doganali u għall-istess raġunijiet bħal dawk li minnhom jirriżulta dan id-dejn ikkonstatat, f'deċiżjoni ġudizzjarja li kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, li dan ma naqasx milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt il-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni.**

Firem